MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 1438/2005/1

**Joseph Vella**

**vs**

**Noel Grech**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Marzu, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-attur talab ghall-hlas ta' tnejn u disghin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm92.98) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni ghar-ragunijiet indikati fl-istess Avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut tat-12 ta' Awissu 2005 u li permezz taghha eccepixxa illi ma kienx qed jikkontesta r-responsabbilita` izda il-quantum tad-danni stante fost ohrajn illi huma eccessivi.

Ra x-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2006, il-partijiet ghalqu il-provi taghhom, ittrattaw il-kawza u l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi l-konvenut qieghed jikkontesta biss il-quantum tad-danni.

Illi minn naha tieghu l-attur qed jistrieh biss fuq survey report (fol 11) ikkonfermat bil-gurament minn minn irrilaxxjah.

Illi t-Tribunal jiehu nota pero` ta' dak li xehed Tony Gerada, persuna li l-mestjer tieghu huwa proprju illi jirranga bumpers tal-hadid jew tan-nickle.

Dwar il-hsara rizultat mill-incident bejn il-kontendenti, x-xhud ighid – "*stajt ninnota illi kellu xifer ….. u jiena illi ghamilt hu li missejt daqxejn dan ix-xifer biex nipprova nsewwieh" "Tajtu daqqa bil-martell minn wara u f'dak ix-xifer fejn talabni hu u tajtulu lura. Kienet bicca xoghol ta' dak il-hin*".

Ix-xhud spjega illi l-bumper "*kien qisu, nghidu ahna, glekk li jkun kollu mkemmex u jigi xi hadd u ighidli ghaddieli parti minnu. Il-bumper kien f'din is-sitwazzjoni*".

Dwar il-kundizzjoni generali tal-bumper, ix-xhud Tony Gerada qal illi "*kif urieni l-bumper l-ewwel darba, jiena ndunajt illi l-bumper kien imharbat u l-ewwel kelma illi ghidtlu kienet dan ma jirrangax ruhu*".

Illi t-Tribunal ihoss illi ma jkunx ekwu u giust illi minhabba daqqa zghira, deskritta bhala "xifer", f'bumper illi kien

“imharbat” minn qabel ghandu jwassal sabiex il-konvenut ihallas ta’ bumper shih. Jekk il-bumper kien “imharbat” minn qabel, meta gie irrangat ix-xifer illi tghawweg konsegwenza tal-incident bejn il-vetturi tal-kontendenti, allura wiehed ma jistghax ighid illi sabiex l-attur ikun ri-integrat fil-posizzjoni originali tieghu ghandu jkollu bumper gdid.

Illi t-Tribunal jinnota ukoll pero` illi s-survery report mahluf minn Antwan Mugliett jindika il-front bumper bhala wiehed mill-ispecifications tal-hsarart sofferti fil-vettura ta’ l-attur, b’dana kollu, ghal finijiet ta’ kalkolu ta’ hsarat f’termini ta’ quantum, l-istess survery report imbaghad jelenka biss Paint (li l-bumper tan-nickle ma ghandux x’jasqam mieghu) u Labour Hours.

Huwa proprju fuq dan tal-ahhar illi jista` jigi meqjus illi jaqghu il-hsarat fil-bumper in kwantu illi jirrigwarda il-qlugh u t-tpoggja tieghu lura anke sabiex tigi rrangata hsara ohra elekata fl-istess survey report.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis illi s-somma mitluba mhix wahda esagerata in kwantu illi fis-survey report mhux qed jinghad illi l-prezz tal-hsarat sofferti jinkludu bumper gdid, imma biss ix-xoghol li jrid isir ghall-irrangar tal-vettura oltre` zebgha. Hin sabiex jinqala` il-bumper u jitpogga lura meqjusa fil-Labour Hours iridu jigu kkunsidrati, imma is-survey report ma jispecifikax illi qed jinkludi prezz ta’ bumper gdid.

Illi ghalhekk it-Tribunal filwaqt illi jistrieh fuq il-principji hawn fuq elenkati u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, pero` b’dana kollu ma jistghax jikkonkludi illi l-attur qieghed jabbuza mis-sitwazzjoni u jitlob il-prezz ta’ bumper gdid. Dan ma jirrizultax mis-survey report u allura l-prezz tal-hsarat kif indikati fl-istess survery report ghandhom jigu akkolti.

Ghaldaqatant, it-Tribunal b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tnejn u disghin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu

(lm92.98) ghar-ragunijiet hemmhekk indikati, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz kontra l-istess konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-kwantum tad-danni kanonizzat mit-Tribunal kien eccessiv u, dippju, ma ngiebux provi li x-xoghol tat-tiswija effettivament sar;

Fit-twegiba tieghu ghal dan l-appell l-attur, b' riferiment ghall-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380, jissottometti li l-appell huwa inammissibbli in kwantu dan jikkonsisti sempliciment minn kontestazzjoni ta' l-apprezzament ta' fatt maghmul mit-Tribunal;

F' certu sens din il-Qorti tikkonkorda ma' l-appellat illi l-konvenut fir-rikors ta' l-appell tieghu ma identifikax b' mod car fuq liema wahda mill-erba' ipotesijiet suggeriti mill-Artikolu 8 (2) ta' l-Att V ta' l-1995 kien qed isejjes l-aggravju tieghu. Dan in-nuqqas pero`, jidher imbaghad li gie kolmat mill-appellanti fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti bir-riferenza li jaghmel ghas-subparagrafu (d) tal-predett artikolu, senjatament dik il-parti tieghu li tapplika ghal kaz fejn it-Tribunal ikun b' mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella;

Dan ipprecizat, jinsab preskritt fl-Artikolu 7 (1) ta' l-Att imsemmi illi t-Tribunal ghandu jiddefinixxi u jiddetermina kull talba principalment skond l-ekwita`. Dan necessarjament jimplika zewg konsiderazzjonijiet:-

(1) Hu mistenni li t-Tribunal jadotta regola ta' gudizzju li, b' riferiment ghall-kaz konkret, tikkonsentilu japproda ghal soluzzjoni adegwata tal-kontroversja, tenut rigward tal-fattispeci specifici;

(2) Li f' dan l-istess gudizzju ma jridx jonqos milli josserva l-ligi sostanzjali ghall-mertu, anke jekk mhux

necessarjament ir-rigur u l-formalita` tan-normi processwali. Ara, a propozitu, Artikolu 9 (3) ta' l-Att;

B' dawn il-premessi konsiderazzjonijiet hu kompitu ta' din il-Qorti li tara u tezamina jekk it-Tribunal f' dan il-kaz addeveniex ghad-decizjoni tieghu b' mod ekwitativ;

Mill-kontenut ta' l-aggravju l-Qorti tifhem li dan jikkonsisti f' censura ghal mod ta' kif it-Tribunal wasal ghal valutazzjoni tieghu tad-dannu. Fi kwestjonijiet ta' din ix-xorta jinsab profess b' direttiva gwida mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (27 ta' Marzu 1997, Numru 2745)** illi "*il giudice deve, anche d' ufficio, procedere alla liquidazione equitativa dei danni in cui riconosce l' esistenza, tanto nell' ipotesi in cui sia completamente mancata la prova del loro ammontare, a causa dell' impossibilita` di fornire congrui ed idonei elementi a riguardo, quanto nell' ipotesi in cui, pur essendosi svolta attivita` processuale per fornire tali elementi, per la notevole difficolta` di una precisa quantificazione, non siano ritenuti di sicura efficacia*";

Affermat dan, m' hemmx kwestjoni fil-kaz prezenti illi avvera ruhu dannu. L-attur, li ma jirrizultax mill-atti li xehed, jippretendi li ghandu jikkonsegwi l-ammont ta' rizarciment kif stabbilit fis-*survey report* (fol. 11). Bil-kontra, il-konvenut appellant jikkontendi li dik l-istima hi eccessiva u ma tinsabx sorretta minn ebda prova dokumentali, attestanti li x-xoghlijiet riparatrici effettivament saru. Minn naha tieghu t-Tribunal inklina versu l-veduta ta' l-attur bil-motiv li s-somma miltuba mhix wahda esagerata riferibilment ghax-xoghol li jrid isir ghat-tiswija tal-vettura oltre z-zebgha;

Huwa sew maghruf illi in generali r-repristinar konsegwenti ghall-hsara subita ssir in forma specifikata, ossija korrispondenti ghas-somma dovuta ghall-ispiza tat-tiswija u tal-materjal. F' dan il-kaz din it-tiswija ma jidherx

mill-atti li effettivament saret tant li t-Tribunal qaghad ghal kollox fuq il-prova tas-*survey* u mhux ghax kellu l-konfort ta’ ricevuta fiskali jew ix-xhieda ta’ min (jekk kien hemm), gie inkarigat isewwi. Fil-fehma tal-Qorti meta tali kien il-kwadru tal-provi li t-Tribunal kellu quddiemu dan kellu joqghod ferm attent fil-kors tal-gudizzju tieghu illi filwaqt li jirrendi gustizzja re-integrativa ma’ l-attur, fl-istess waqt ma jgibx inikwita` lill-appellanti bit-taghbija ta’ spiza zejda mhix sufficjentement sostenuta. Dan qed jigi rilevat in kwantu fl-ammont ta’ hamsa u sebghin lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm75.28,0) specifikat mis-*surveyor* hemm inkluz tmintax fil-mija (18%) VAT u, intant, ebda ricevuta fiskali ma giet prodotta. Ghandu jigi osservat f’ dan il-kuntest illi fir-redazzjoni ta’ l-avviz tieghu l-attur qaghad attent li jitlob mhux biss somma determinata imma wkoll “jew somma ohra verjuri”. Wiehed ragonevolment jifhem li dan ghamlu ghal zewg skopijiet: il-wiehed biex f’ kaz ta’ likwidazzjoni ta’ somma inferjuri minn dak rikjesta xorta wahda l-ispejjez tal-kawza jigu akkollati lill-konvenut “*sull’ ottenuto*” (ara **Kollez. Vol. VI p 138**) u t-tieni, ghaliex kien konxju tal-fatt li ma kellux is-support tal-provi dokumentali kollha okkorrenti;

Hu l-kaz li b’ konsegwenza ta’ dak appena rilevat din il-Qorti taghmel temperament fil-likwidazzjoni maghmula mit-Tribunal tad-dannu. Dan fis-sens li qed tirreduci s-somma kanonizzata bi hdax-il lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm11.48,0) in raguni ghal dak superjorment rilevat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell fis-sens biss li tillimita l-kwantum tad-dannu ghal wiehed u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm81.50,0). L-ispejjez relattivi taz-zewg istanzi jitbatew nona (1/9) parti mill-attur appellat u tmienja minn disa’ partijiet (8/9) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------